**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 72/2022BS**

**Elizabeth Cauchi, Joseph Cauchi u Anna Marie Formosa**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi illi bih ppremettew:**

i. Illi nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) giet nieqsa omm l-atturi Angela Cauchi u dan hekk kif jidher mic-certifikat mediku mahrug mill-isptar ta' Ghawdex, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

ii. Illi l-att tal-mewt tal-istess Angela Cauchi ma jistax jigi registrat b'mod korrett u dana ghar-raguni illi fic-certifikat tat-twelid taghha , li jgib in-numru tal-iskrizzjoni hames mija u erbgha u tletin zbarra elf disgha mija sebgha u tletin (534/1937) u li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B, taht l-intestatura ' *Isem u kunjom inkluz il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-genitur*', hemm zball fis-sens illi isem omm id-decuis huwa imnizzel bhala Angela u mhux Anna kif filfatt hekk kien jisimha;

iii. Illi infatti kemm fic-certifikat tat-twelid ta' omm id-decuis, l-isem huwa mnizzel korrettement bhala 'Anna' u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat li jgib in-numru tlett mija u sebgha u sittin zbarra elf disgha mija u tlettax (367/1913) u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument C, kif ukoll fic-certifikat tal-maghmudija isem id-decuis huwa ndikat korrettement bhala Anna u dan hekk kif jidher mic-certifikat mahrug mill-Parocca hawn anness u mmarkat bhala Dokument D;

iv. Illi jirrizulta wkoll illi fic-certifikat taz-zwieg tal-istess decuis Angela Cauchi nee' Farrugia u Antonio Cauchi , li jgib in-numru tal-iskrizzjoni tnejn u sebghin zbarra elf disgha mija u sittin (72/1960) u li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata bhal Dokument E , hemm zball taht l-intestatura ' *genituri tal-mizzewwgin*' u dana peress illi omm Angela Cauchi nee' Farrugia hija mnizzla bl-isem ta' Marianna minflok Anna;

v. Illi ghalhekk huwa evidenti illi dan huwa zball car li qed iwassal ghall-problemi sabiex jinhareg ic-certifikat tal-mewt tal-istess Angela Cauchi.

vi. Illi din il-procedura qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 253 et seq tal-Ligijiet ta' Malta

**Talbu għalhekk lil din il-Qorti:**

i. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Angela Cauchi registrat fir-Registru Pubbliku Ghawdex bin-numru progressiv hames mija u erbgha u tletin zbarra elf disgha mija sebgha u tletin (534/1937) billi fejn fil-kolonna bl-intestatura ' *Isem u kunjom inkluz il-kunjom tat-twelid u lok tat-twelid tal-genitur'* l-isem Angela Farrugia jigi sostiwit bl-isem ta' Anna Farrugia;

ii. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-zwieg ta' Angela Cauchi u nee' Farrugia u Antonio Cauchi registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tnejn u sebghin zbarra elf disgha mija u sittin (72/1960) billi fil-kolonna intestata ' *Genituri tal-Mizzewwgin'* l-isem Marianna Farrugia jigi sostitwit bl-isem ta' Anna Farrugia;

iii. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur Registru Pubbliku li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepiet:**

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuza;

3. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjez tal-istanti, peress li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenta annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi fis-6 ta' Lulju, 2022 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-27 ta' Settembru 2022.

Rat li permezz ta nota konguntiva ippreżentata fil-5 ta' Ottubru, 2022, l-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista' tiġi differita għas-sentenza.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2022 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.

Fliet id-dokumenti kollha esebiti mill-attriċi.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Huma jgħidu li wara li mietet ommhom Angela, l-att tal-mewt tagħha ma jistax jiġi reġistrat billi isem omm ommha, jiġifieri in-nanna ta' l-atturi, huwa mniżżel bħala "Angela" iċ-ċertifikat tat-twelid ta' ommha mentri in-nanna tagħhom kien jisimha "Anna" u mhux "Angela. Jgħidu li fiċ-ċertifikat tat-twelid tan-nanna tagħhom isem nannithom huwa indikat bħala "Anna", kif del resto huwa imniżżel ukoll fiċ-ċertifikati l-oħra.

Kif jirriżulta mill-atti id-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar illi li  isem in-nanna ta' l-atturi kien effettivament "Anna" u mhux "Angela".

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis li t-talba għal tibdil fl-isem ta' persuna għandha tiġi akkordata biss jekk jirriżulta li tali tibdil huwa meħtieġ sabiex tiġi eliminata konfużżjoni u diżordni fl-imħuh tal-membri tas-soċjeta dwar l-identifikazzjoni.

Milli atti jirriżulta li isem in-nanna ta' l-atturi kien "Anna" u mhux "Angela".

Għaldaqstant hija l-fehma ta' din il-Qorti li t-talbiet ta' l-atturi huma mistħoqqa u dan għar-raġunijiet ġia mogħtija.

Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenut allura dan m'għandux ibati l-ebda spejjeż.

**Deċide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attrici u :

i. **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Angela Cauchi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku Għawdex bin-numru progressiv ħames mija u erbgħa u tletin żbarra elf disgħa mija sebgħa u tletin (534/1937) billi fejn fil-kolonna bl-intestatura '** ***Isem u kunjom inkluz il-kunjom tat-twelid u lok tat-twelid tal-genitur'*** **l-isem Angela Farrugia jiġi sostiwit bl-isem ta' Anna Farrugia;**

ii. **Tordna l-korrezzjoni tal-att taż-żwieġ ta' Angela Cauchi nee' Farrugia u Antonio Cauchi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru tnejn u sebgħin żbarra elf disgħa mija u sittin (72/1960) billi fil-kolonna intestata '*****Genituri tal-Mizzewwgin'*** **l-isem Marianna Farrugia jiġi sostitwit bl-isem ta' Anna Farrugia;**

**iii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjoni msemmija u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku ta l-atturi.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur